KUNSILL LOKALI
QALA

**MINUTI LAQGĦA NUMRU 44**
**TAL-KUNSILL LOKALI QALA**

It-Tnejn, 28 ta' Frar 2022.

Il-Kunsill Lokali Qala ltaqa' fiċ-Ċentru Ċiviku Qala, illum it-Tnejn 28 ta' Frar 2022, fl-16:30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:
Paul Buttigieg – Sindku
Ivan Cefai – Viċi Sindku
Karl Buttigieg – Kunsillier
Joseph Buttigieg – Kunsillier
Valerie Cassar Mejlak – Kunsillier

Uffiċjal Preżenti:
Lorne Cremona - Aġent Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Paul Buttigieg ippresieda l-laqgħa.

# 44.1 Qari tal-ittri tal-apoloġiji;

44.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

# 44.2 Aġġornament fuq il-Programm EUISM

44.2.1 Il-Kunsill qabel unanimament li l-item numru 44.5 fuq l-aġenda jiġi diskuss fil-bidu tal-laqgħa u għalhekk fil-minuti jingħata n-numru 44.2.

44.2.2 Għal din il-parti tal-laqgħa ingħaqad is-Sur Paul Fenech permezz ta' *video call*.

44.2.3 Is-Sur Fenech qal li s-sitwazjoni tal-COVID fl-Italja tidher li tinsab taħt kontroll. Sostna li bħala Kunsill iridu naraw ftit fuq id-dati tal-Konferenzi li fadal isiru, minħabba rapporti li jridu jiġu ppreżentati lil Kummissjoni Ewropeja fi żmien stipulat.



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

44.2.4 Is-Sur Fenech qal li għad m'għandniex f'idejna it-*topics* tal-Konferenza ta' l-Italja. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ser ikun qed jitkellem mal-Kunsill ta' Canale Monterano dwar dan.

44.2.5 Is-Sur Fenech qal li l-Konferenza ta' Porto kienet ippjanata tajjeb. Qal li jeħtieġ ngħinu lit-Taljan ħalli dawn ukoll ikollhom l-istess livell. Fir-rigward ta' responsabiltajijet lil Kunsilliera; u billi l-aħħar sessjoni tkun iddedikata liż-żgħażagħ, is-Sur Fenech issuggerixxa li l-Kunsillier Karl Buttigieg jagħmel il-*presentation* fil-Konferenza ta' Malta waqt li l-Kunsillier Joseph Buttigieg jagħmel il-*presentation* fil-Konferenza ta' l-Italja. Il-Kunsill qabel ma dan.

44.2.6 Bħala dati għal Konferenza ta' l-Italja, inqabel li d-Delegazzjoni Maltija ser tkun qiegħda l-Italja bejn nhar it-Tnejn, 13 u t-Tlieta 21 ta' Ġunju. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv intalab jinforma lis-Sindku ta' Canale Monterano dwar dawn id-dati u jipprepara biex tinħareġ talba għal *hand quotations* għall-ivvjaġġar bl-ajru.

44.2.7 Il-Kunsillier Karl Buttigieg ser ikun qed jipprepara ktejjeb għal din il-konferenza. Is-Sur Fenech issuġġerixxa li ssir enfasi fuq il-ġemellaġġ bejn il-Qala u Canale Monterano.

44.2.8 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv talab il-permess tal-Kunsill biex nibdew nippreparaw ħalli naghmlu l-ewwel pagament lil Kunsill ta' Canale Monterano. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 44.3 Konsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti;

44.3.1 Il-Kunsillier Joseph Buttigieg talab biex fil-minuta numru 43.4.12 jiġi speċifikat li qed nirreferu għal fejn jogħod Joseph Theuma . Kunsill qabel li jsir l-isem tat-triq minflok; jiġifieri "Triq Anton Buttigieg".

44.3.2 Ma kienx hemm aktar talbiet għal korrezzjonijiet u għalhekk il-minuti ta' laqgħa numru 43 ġew maqbula hekk kif imniżżel hawn fuq.

## 44.4 Komunikazzjoni tas-Sindku

44.4.1 Is-Sindku qal li kellu laqgħa mal-iskola primarja dwar il-karma li kienet tintuza berga. L-iskola jixtiequ jibdew jużawha huma. Is-Sindku qal li ma ttieħdet l-ebda deċiżjoni imma għandha terġa' ssir laqgħa fil-futur dwar dan.

44.4.2 Is-Sindku qal li l-Minsteru offrew AED biex jitpoġġa fejn it-*toilets* ta' Hondoq. Kull ma talbu hu d-dawl. Is-Sindku qal li ser ikun qiegħed isegwi din il-proposta.



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

44.4.3 Is-Sindku Paul Buttigieg qal li inqata' l-ħaxix ħażin li kien hemm fi Triq Barbaġan u Ġnien il-Familja

44.4.4 Is-Sindku ppreżenta l-istimi ta' Gatt u Road Structures Ltd għal *patching* fi triq l-Indipendenza. Il-Kunsill qabel unanimament li tintgħażel l-irħas stima, ċioe' ta' Gatt.

44.4.5 Is-Sindku qal li fi Triq Mgarr kull ma hemm bżonn hu ta' żewġ galluni qatran. Żied li matul dawn l-aħħar ħmistax ma setax isegwi din it-tiswija peress li kien kwarantina.

44.4.6 Fir-rigward tal-*wall mural* li għandu jsir fejn iċ-Ċentru Ċiviku, is-Sindku irrapporta li l-ħaddiema tal-Kunsill qaxxru l-ħajt imma hemm dewmien minħabba problema ta' *shipping* tal-ħġieġ. Malli jkollha l-materjal f'idejha, ix-xogħol ser tkompli.

44.4.7 Is-Sindku qal lill-Kunsill li ġew ordnati mingħand Tony's signs sitt tabelli b'avviżi fuq l-iskart għal Triq il-Belvedere u Triq ta' Ċini. Il-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak issuġġeriet biex issir waħda wkoll fi Triq in-Nadur, liema tabella tkun imdendla ma arblu. Is-Sindku qal li din tista' ssir ukoll.

44.4.8 Is-Sindku qal li dwar il-*leaflets tar-rubbish* ingħata konferma mingħand il-kumpannija *Green Pac* li dawn ser li ser jagħmluwomlna żgur.

44.4.9 Is-Sindku qal li fir-rigward tal-qsari kbar li hemm fi Pjazza M.Buttigieg; intbgħatet email lill-Arċipriet b'talba biex jagħmlu dan ix-xogħol iż-żgħażagħ tal-briju. Bħalissa qed nistennew tweġiba mingħand il-parroċċa.

44.4.10 Is-Sindku rrapporta li mar flimkien mal-ELC fi Triq il-Wardija u s-siġra li trid tinżabar ma sabiex. Il-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak offiret li tmur mas-Sindku fuq il-post.

44.4.11 Is-Sindku Paul Buttigieg semma li l-iskrivana bagħtet *reminder* lid-Direttorat tal-Kultura fuq l-email li kienet intbgħatet minnhom stress dwar il-*Phone Booth* ta' Pjazza San Ġużepp. Id-Direttorat avża li ser ikunu qed ituna aġġornament dwar dan fil-futur[1].

44.4.12 Is-Sindku qal li l-Ing Camilleri mar jistaqsi personalment dwar il-pressa tal-ilma lir-residenti ta' Triq il-Wardija, u li ħadd ma qallu li għandu problema. Ġie ssuġġerit li l-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak tmur mal-Inġ. Camilleri biex tindikalu d-djar/nies li qed jesperjenzaw problem fil-provvista ta' l-ilma. Il-Kunsillieri Valerie Cassar Mejlak u Karl Buttigieg sostnew li s-servizzi f'din it-triq iridu jinbidlu kollha[2].

44.4.13 Is-Sindku rrapporta li t-tkabbir tas-*swimmers zone* ta' Hondoq ir-Rummien hekk kif diskussa f'laqgħa preċedenti tal-Kunsill ġiet aċċettata minn Transport Malta. L-istess awtorità madankollu ma aċċettatx li ż-żewġ *swimmers zones* ta' Hondoq u ta' Bumbarin

[1] Ara wkoll minuta 44.10.2
[2] Ara wkoll minuta 44.5.1



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

jingħaqdu u jsiru ħaġa waħda. Il-Kunsill qabel li jiġu avviċinati tal-Joyride dwar kif ser jitpoġġew il-bagi[3].

44.4.14 Is-Sindku qal li tkellem mal-Kumpannija ELC dwar iż-żbir (*heavy pruning*) tas-siġar li hemm fi Pjazza San Ġużepp. Dawn ser ikunu qed jipprovdu stima lill-Kunsill. Is-Sindku avviċina wkoll lis-sur Dione Caruana biex jiġi fuq il-post fil-ġranet li ġejjin u jagħti suġġeriment/i dwar trattament għal dawn l-istess siġar. Il-Kunsillier Joseph Buttigieg qal li s-siġar tal-pjazza qatt ma rċievew heavy pruning.

44.4.15 Is-Sindku talab lill-Kunsillier Joseph Buttigieg biex ifakkar lil ħaddiema tal-Minsteru għal Għawdex ħalli jibdlu qasrija miksura fi Triq ta' Grunju.

44.4.16 Is-Sindku Paul Buttigieg qal li saret applikazzjoni mal-Ministeru nhar il-15 ta' Diċembru, biex jinbena ħajt tas-sejjieħ fi Triq taċ-Ċawl. F'dan ir-rigward intbagħtet ukoll *reminder* fil-31 ta' Jannar. Is-Sindku qal li din it-talba ġiet approvata u jidher li dan il-ħajt ser isir mill-Ministeru għal Għawdex.

44.4.17 Is-Sindku rrapporta li saret talba ma Servizzi Ewropej Malta (SEM) biex tkun tista' ssir Triq taċ-Ċawl minn fondi Ewropej. SEM ma aċċettawx li minħsbba li l-*budget* għal dan il-fond naqas ħafna u li kien hemm applikazzjonijiet żejda.

44.4.18 Is-Sindku qal li l-Kunsill bagħat email li fiha intqal li naqblu li jgħaddi cable tal-*high tension* fi Triq il-Mitħna. Fil-fatt irriżulta li flok *cable* wieħed ser isiru tnejn. Hekk l-area ta' Ċini ħa jkollom provvista aħjar tad-Dawl. Is-Sindku stqarr is-sodisfazzjon tiegħu għal dan ix-xogħol, lfimkien ma Triq il-Wardija u Triq Papa Piju XII għaliex kien ilu minn meta laħaq Sindku jaħdem fuqhom.

44.4.19 Saret talba għal *unloading bay* fjn il- Ur Chouice Supermarket, liema talba ma ġietx aċċettata minn Transport Malta. Is-Sindku spjega kif il-Kunsill mela din l-applikazzjoni eżatt bħal ma kienet imtliet dik ta' Paul Michael Mini Market. Transport Malta qalu li din tal-aħħar (un/loading bay fejn ta' Paul Michael) ġiet aċċettata għaliex tintuża minn numru ta' ħwienet. Is-Sindku qal li hu ma jaqbilx ma din id-deċiżjoni. Din id-diskussjoni qiegħda tiġi segwita mill-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak[4].

44.4.20 Is-Sindku qal li intbgħatu diversi email dwar *disability parking* li mhux qiegħda tintuħa fi Triq taċ-Ċawl. Wara li għaddew diversi emails, jidher li l-każ jinsab quddiem l-uffiċċju TM ta' Malta. Dan ukoll jgħodd għar-*road hump* ta' Triq Zewwieqa u *zebra crossing* fi Triq l-Imgarr.

[3] Ara wkoll minuta 44.10.4
[4] Ara wkoll minuta 44.5.3



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

44.4.21 Is-Sindku Paul Buttigieg qal li l-awtoritajiet aċċettaw li t-triq il-ġdida fi Triq il-Mitħna tissemma "Triq Din Anton Sultana". Il-Kunsill issa bagħat applikazzjoni lill-uffiċċju tla-ID cards biex l-isem ta' din it-triq jiġi ppublikat fil-Gazzetta tal-Gvern.

44.4.22 Is-Sindku informa lill-Kunsill li ġew ħaddiema mill-Ministeru għal Għawdex u qatgħu bosta ħaxix madwar il-Qala. Is-Sindku Paul Buttigieg radd il-ħajr lill-ħaddiema u lill-Ministeru għal Għawdex ta' dan.

44.4.23 Is-Sindku qal li x-xogħol ta' restawr fuq l-istatwa ta' San Ġużepp (Pjazza Republika) miexi b'pass tajjeb. Issa imiss li jiġu mfittxija stimi għall-ħadid li hemm madwar ir-*roundabout*. Il-Perit tal-Kunsill ser ikun mitlub jipprepara disinn.

44.4.24 Is-Sindku staqsa lill-Kunsill għandiex titħejja attività għal Karnival ta' Mejju, issa li l-każijiet ta' COVID-19 donnhom qed jonqsu. Il-Kunsill qabel li jekk il-Karnival isir fuq skala nazzjonali, Il-Kunsill tal-Qala jorganizza attività wkoll.

44.4.25 Dwar it-talba mill-Awtorità tal-Ambjent fir-rigward ta' *scuttling* ta' vapor fiz-zona bejn Hondoq u Ras il-Qala, is-Sindku qal li l-kunsill qabel "fil-prinċipju" fil-laqgħa preċedenti . Is-Sindku staqsa il-Kunsill jaqbilx li jitqabbad espert biex iħejji rapport dwar dan; bħal ma diġa' sar fil-każ tar-*reverse osmosis* ta' Hondoq. Il-Kunsill qabel unanimament li tinġieb stima għal dan ir-rapport.

44.4.26 Is-Sindku qal li saret applikazzjoni biex issir *communal disabled parking bay* quddiem is-sala tal-Kunsill, u dan jekk jiġi xi ħadd fis-sala li jkollu problem ta' mobilità, ikun jista' jitniżżel fil-qrib.

44.4.27 Is-Sindku ppreżenta lill-Kunsill stimi għal *sea saw* u *bins* għal Ġnien il-Familja. Il-Kunsill qabel li dan l-item jiġi diskuss f' laqgħa oħra.

44.4.28 Is-Sindku Paul Buttigieg qal li intbagħtet ittra lill-Ministeru għal Għawdex biex il-ħaddiema li hemm assenjati mad-*dog park* inaddfu wkoll il-passaġġi ta' Ġnien il-Familja. Ingħata tweġiba li xogħol dawn il-ħaddiema huwa limitat għad-*dog park* biss.

44.4.29 Issa li x-xogħol fi Triq il-Kunċizzjoni huwa lest, is-Sindku ppropona li ssir preżentazzjoni b'ritratti u filmati tax-xogħlijiet li saru. Il-Kunsill qabel ma dan. Ġie maqbul ukoll jekk jista' jkun issir konferenza stampa fejn jiġu mistiedna l-Ministri li kienu nvoluti f'dan il-Proġett.

44.4.30 Is-Sindku qal li ż-żjara li suppost saret f'April mid-delegazjoni ta' Salina ser tkun posposta. Il-Grupp ta' Salina staqsa huwiex possibbli li din iż-żjara ssir għal Settembru; u s-Sindku staqsa lill-Kunsill jaqbilx li noffrulhom li jiġu matul il-Qala International Folk Festival (QIFF). Il-Kunsill qabel ma dan, imma li nagħtuwom akkomodazzjoni differenti minn tal-ġruppi folk.



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

44.4.31 Is-Sindku Paul Buttigieg semma li reġa' inġema' skart bi swit żvilupp li qiegħed isir fi Triq Wied Simar. Mhux l-ewwel darba li l-Kunsill kellu jieħu azzjoni fuq da nil-post partikulari. Ġie avviċinat il-Pulizija tal-Komunità l-iskart tneħħa s-Sibt.

44.4.32 Is-Sindku Paul Buttigieg tkellem dwar il-każ fejn inħarqu erbgħa (4) *ibins*. Is-Sindku qal li waqt il-mument li ħadu n-nar hu ma setax imur fuq il-post għaliex kien f'laqgħa mal-uffiċjali tal-Edukazzjoni flimkien mal-Aġent Segretarju Eżekuttiv. Filmati għaddew mil-LESA għall-pulizija. Pulizija qed jistennew li jinħarġu iċ-*charges*. Is-Sindku qal li l-persuna li lilha ser tinħargula ċ-*charges* mhux mil-Qala, u li hu ma jafux.

44.4.33 Is-Sindku qal li spiss qed ikun hemm nuqqas ta' *cold mix* u minħabba f'hekk qiegħda tinqala' problema bil-*patching* tat-toroq. Semma kif aktar kmieni dak inhar (jum il-laqgħa) inġiebu 20 xkora u ntużaw kollha. Is-Sindku qal li għada ser jintużaw 20 xlora oħra.

44.4.34.1 Is-Sindku qal li ser jitkellem fuq il-problema tal-injam u inbarazz fi Triq in-Nadur. Semma li l-Kunsill ilu snin kbar b'din il-problema, u li jidher li dan l-injam hu biex jintuża għal forn. Aktar kmieni ġie mqabbad kuntrattur biex inaddaf din iż-żona, liema kuntrattu ġie imwaqqaf mis-sidien tal-forn u qalulu li dak tagħhom. Pulizija li mar fuq il-post ukoll ġie ttrattat bil-herra u kellu jissejjeħ Surġent. Il-ftiehim mas-sidien kien li dan l-injam kellu jitneħħa, imma dan baqa' ma tneħħiex. Is-Sindku qal li l-Kunsill għandu żewġ għażliet. Jew itellgħu lil dawn in-nies il-Qorti bil-konsegwenzi kollha li dan iġib magħhom; jew imkella din il-familja tingħata ċans tal-aħħar biex inaddfu huma u jekk dan ma jsirx inaddaf il-kunsill bil-għajnuna tal-pulizija.

44.4.34.2 Il-Kunsillier Joseph ħareġ Il-barra għal din il-parti tal-laqgħa minħabba parentela ma din il-familja, u talab biex il-Kunsill jieħu deċiżjoni fl-assenza tiegħu.

44.4.34.3 Il-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak hi tal-idea li niskartaw l-ewwel għażla (Qorti). Is-Sindku qabel li ngħidu lil pulizija biex jingħataw l-aħħar ċans. Il-Kunsilliera Karl Buttigieg u Valerie Cassar Mejlak saħqu fuq l-importanza li dan l-injam u skart jitneħħa kompletament; u jekk sal-Erbgħa ma jitneħħiex, il-Ħamis jitneħħa mil-Kunsill. Il-Kunsill qabel ma dan. Is-Sindku Paul Buttigieg qal li anke s-Sindku ta' qablu qal li kellu diffikultajiet fuq dan is-suġġett, f'din it-triq; fejn anke ġieli twaħħlu tabelli f'dan ir-rigward biex ma jintefax skart iżda dawn it-tabelli jitneħħew mill-ewwel.

44.4.34.4 Wara li ġie diskuss dan l-*item*, il-Kunsillier Joseph Buttigieg reġa' daħal għall-laqgħa.

44.4.35 Dwar triq in-Nadur, is-Sindku semma d-dati meta l-Kunsill talab lil tas-Sanita' jintervjenu f'din it-triq biex poġġew velenu tal-ġrieden: 27/09/2021, 30/12/2020, 08/04/2020, 10/07/2018 u 18/06/2013.



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

44.4.36 Is-Sindku Paul Buttigieg semma kif minkejja li għadu kif għamel ġimgħatejn kwarantina, ix-xogħol fuq l-ilmenti ma waqafx. Żied jgħid li d-dmir tal-Kunsilliera ma jieqafx billi jitressaq ilment biss, għaliex ilmenti jinvolvu aktar xogħol u għalhekk il-Kunsilliera jistgħu jgħinu billi jsegwu l-każijiet mal-iskrivani tal-Kunsill, u anke jikkuntattjaw l-awtoritajiet konċernati.

## 44.5 Tweġibiet għal mistoqsijiet tal-Kunsilliera

44.5.1 Il-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak u Karl Buttigeig talbu *follow up* fuq il-problema ta' l-ilma fi Triq il-Wardija. Il-Kunsill qabel li ssir siteplan minn tal-lands u nibgħatuwha lil Korporazzjoni għas-Servizzi ta' l-Ilma.

44.5.2 Il-Kunsillier Joseph Buttigieg staqsa fuq kif baqa' l-Kunsill dwar l-istudju *one way* fi Triq il-Kunċizzjoni u Triq il-Forn. Is-Sindku qal li ċempel lil Perit kemm il-darba iżda għadu ma ingħatax tweġiba. Il-Kunsillier Joseph Buttigieg issuġġerixxa li immorru għand xi ħadd ieħor.

44.5.3 Il-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak tkellmet dwar l-*un/loading bay* fi Triq il-Forn. Staqsiet għaliex it-talba ta' Ur Choice supermarket mhux aċċettata waqt li ta' ħaddieħor ġiet aċċettata. Qalet li din diskriminazzjoni, u hi kitbet dwar dan lil Transport Malta. Waqt li hi taqbel li lil ħwienet oħra jkollhom *loading/unloading*; fl-istess ħin sostniet li bħal ma inħareġ permess għal ħanut wieħed irid isir ukoll lil Ur Choice. Talbet li l-Kunsill jintervjeni u ma tiġġielidx fuq din il-ħaġa weħidha. Is-Sindku flimkien mal-Kunsilliera qablu li għandu jingħata permess għal *loading/unloding* lil Ur Choice bħal ma diġa kien ingħata lil stabilimenti oħrajn. Ser tintbgħat ittra formali mill-Kunsill dwar dan.

44.5.4 Il-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak staqsiet dwar ħsara fit-triq It-Tempju. Is-Sindku wieġeb f'dik iz-zona saru diversi interventi ta' *patching* iżda jidher li hemm problema minħabba l-preżenza tat-tafal fil-wiċċ. Il-kuntrattur beża' li jista' jkun hemm servizzi għaddejjin minn dik il-parti tat-triq u għalhekk iddaħħal il-perit. Il-Kunsill ser ikun qed japplika biex it-triq titħaffer ftit, issir *base* tas-siment imbgħad isir it-tarmac.

44.5.5 Il-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak tkellmet dwar talba għal *double yellow line* li kienet saret għal Pjazza isqof M Bittigieg. Ir-residenti li talab għaliha kien reġa bdiela, imma issa qed jinħass il-bżonn għal id-double yellow line. Il-Kunsill qabel li ssir talba mill-ġdid.

44.5.6 Il-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak staqsiet dwar il-*Phone Booth* fi Pjazza San Ġużepp. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv qara email minn *Cultural Heritage Directorate* dwar dan is-suġġett, liema ittra kienet ħa tiġi ttrattata fit-taqsima tal-korrispondenzi. Il-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak pproponiet li dan ix-xogħol jsir issa. Is-Sindku qal li biex isir xogħol sewwa din il-*phone booth* trid sandblasted għax minjaf kemm hemm saffi ta'



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

żebgħa fuq xulxin. Il-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak ipproponiet ħasla tajba u li tingħata d-dawl. Il-Kunsill qable li navżaw lil Joseph Cutajar dwar dan.

44.5.7 Il-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak tkellmet dwar il-ħtieġa ta' bozza fi triq Anton Buttigieg. Il-Kunsill ser ikun qiegħed jibgħat *reminder* dwar dan.

44.5.8 Il-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak tkellmet dwar resident fi Triq Papa Piju XII li ntalab iħallas EUR373 għas-servizz tad-dranaġġ. Sindku talab lil Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak iġġib lil din il-persuna dan ir-resident hawnhekk biex nippruvaw li tinstab soluzzjoni għal din il-problema.

44.5.9 Il-Viċi Sindku Ivan Cefai rrefera għal problema ta' nuqqas ta' *cold mix* fejn qal li Għajnsielem ma jidhirx li għandom din id-diffikultà. Is-Sindku wieġeb li l-Kunsill ta' Għajnsielem iġibu *cold mix* minn Malta; u li ma jaqbilx inġibu kwantitajiet kbar għax jekk jibqa' ma jintużax, wara ħmistax jibbies[5].

44.5.10 Il-Viċi Sindku Ivan Cefai tkellem dwar każ tal-iskips li nħarqu. Qara kronoloġija tal-informazzjoni li waslet f'idejħ, u qal li sema' minn bara li inqabdu żewġt itfal minn raħal ieħor. Qal li hu ddispjaċut li din l-informazzjoni semagħha minn barra, u staqsa għalfejn ma kellux ikun il-Kunsill li jinfurmah. Is-Sindku qal li l-informazzjoni li ingħatat lil Viċi Sindku mhix korretta għaliex skond hu, l-pulizija tkellmu dwar adult wieħed li rema' sigarett; u li l-istess pulizija qed jistennew mingħand il-maġistrat minħabba ċ-*charges* kif għandom jitressqu.

44.5.11 Il-Viċi Sindku Ivan Cefai tkellem fuq il-Laqgħa tar-reġjun li saret fit-18 ta' Frar u li għaliha s-Sindku ma attendiex. Xħin tintbgħat l-email bl-aġenda, r-reġjun jiktbu biex min ma jkunx ser jattendi, javża. Iħoss li bħala membru sostitut kellu jkun avzat biex hu jmur sostitut. Is-Sindku qal li din qabżitlu. Il-Viċi Sindku talab biex meta s-Sindku ma jkunx disponibbli l-Kunsill jiġi avżat.

44.5.12 Il-Kunsillier Karl Buttigieg qal li jinsab infurmat wieħed mill-*gates* tad-*dog park* kienu magħluqa b'katnazz, imbgħad intużat entrance oħra. Il-Kunsillier Karl Buttigieg qal li kieku jkun tajjeb li l-*gate* bejn iż-żewġ btieħi tkun miftuħa dejjem.

## 44.6 *Qala International Folk Festival 2022*

44.6.1 Is-Sindku qal li xħin jara kif sejra l-imxija tal-COVID-19, jaħseb li l-QIFF aktarx ser jsir u għalhekk irridu nibdew nippreparaw għaliħ. Għalhekk talab biex fil-futur qarib jissejjaħ is-sotto kumitat tal-QIFF.

[5] Ara wkoll minuta 44.4.32



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

44.6.2 Is-Sindku qal li s-Sur Vincent Buttigieg offra li jorganizza l-festival flok Josef Farrugia li aktar kmieni fl-2021 wera ruħu indispost. Għal dan ix-xogħol is-Sur Buttigieg qed jitlob is-somma ta' €490. Il-Kunsill qabel ma dan.

44.6.3. Il-Kunsillier Joseph Buttigieg issuġġerixxa li l-Kunsill japplika għal fondi taħt l-iskema maħruġa mill- Cultural Heritage Directorate ta' Għawdex. Il-Kunsill qabel ma dan.

44.6.4 Is-Sindku ippropona li jiġi mistieden il-grupp Irlandiż li kien ħa sehem fis-sena 2019; wara li dawn intlaqgħu tajjeb min-nies. Il-Kunsill qabel ma dan.

44.6.5 Il-Kunsillier Joseph Buttigieg issuġġerixxa wkoll li jkun hemm varjeta' tar-repertorju f'serati differenti. Il-Kunsill qabel ma dan.

## 44.7 Aġġornament fuq il-Mafkar għal vittmi tal-Gwerer

44.7.1 Is-Sindku għarraf lill-Kunsill li l-Parroċċa ma qablux li l-mafkar għandu jitwaħħal ma propjetà tal-Knisja. Għalhekk ippropona li dan il-mafkar minflok isir fejn il-funtana ta' quddiem iċ-Ċentru Ċiviku. Il-Kunsill qabel ma dan. Il-Perit ser ikun qed jintalab biex iħejji disinn għal dan il-mafkar.

44.7.2 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ippreżenta *samples* ta' rħam għal mafkar, kif kien mitlub jagħmel fil-laqgħa preċedenti. Il-Kunsill qabel li dan is-suġġett jiġi deċiż wara li jintlaħaq qbil fuq id-disinn tal-Perit.

44.7.3 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ressaq stimi għal ktejjeb li mistenni jiġi mqassam nahr il-kxif tal-mafkar. Is-Sindku Paul Buttigieg ħareġ 'il barra għal din il-parti tal-laqgħa. L-istimi kienu jitrattaw stampar ta' 400 kopja ta' dan il-ktieb. Il-Kunsill talab għal stimi riveduti biex in-numru ta' kotba ikun iżgħar.

## 44.8 Aġġornament fuq l-applikazzjoni mressqa quddiem il-PA dwar twaħħil ta' Xatba fi Triq il-Barbaġan

44.8.1 Is-Sindku Paul buttigieg qal li kellu laqgħa man nutar, u din tal-aħħar għamlet ir-riċerki dwar dan il-każ. Il-passaġġ li ser ikun affetwat minn din ix-xatba jinsab fil-ġemb tal-propjetà tal-applikant, u imbgħad jgħaddi fuq propjeta' ta' terzi. Is-Sindku qal li hu importanti ma tintilifx il-propjeta' bħal ma ġara fl-imgħoddi f' tal-blata. In-nutara issa trid tara li fejn il-passaġġ jisporġi f'tal-Gvern, u jkunx hemm oġġezzjoni mill-gvern biex isir "*re-routing*" tal-passaġġ in kwistjoni.



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

## 44.9 Materji Amministrattivi

44.9.1 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv irrapporta lill-Kunsill li l-kuntrattur rebbieħ tat-tender għal *Civil Works* ippreżenta l-garanzija bankarja hekk kif mitluba mit-tender; u li l-kuntratt ġie iffiermat. Issa il-kuntrattur qiegħed jistenna struzzjonijiet mingħand il-perit biex jibda x-xogħol.

44.9.2 Is-Sindku semma li saret laqgħa mal-ELC, fejn dawn infurmaw lill-Kunsill li mhux ser iġeddu l-kuntratt meta dan jiskadi f'Mejju. Il-Kunsill qabel li nibdew nippreparaw għal ħruġ ta' tender ġdid għal dan is-servizz.

44.9.3 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv għarraf li irċieva rapport mill-perit dwar kemm għandu valur kummerċjali il-propetà devoluta lill-Kunsill għaċ-Ċentru Ċiviku. Dan ir-rapport ġie mitlub wara li l-Awtorità tal-Artijiet talbu prezz ferm ogħla mill-Kuntratt preċedenti. Wara li r-rapport wasal il-Kunsill, ġie iffirmat minnufiħ il-kuntratt li biħ iġġeddet id-devoluzzjoni lill-Kunsill.

44.9.4 Il-Kunsill iddiskuta u approva l-appuntar ta' żewġ bordijiet ta' evalwazzjoni għal sejħiet għal kwotazzjonijiet ta' *Locallity Assistant* u *Outdoor Gym Equipment*.

44.9.5 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li infetħet skema biex jitħaddmu persuni bi bżonnijiet speċjali fil-Kunsilli, liema impjieg jiġi ffinanzjat mid-dipartiment tal-Gvern Lokali. Il-Kunsill qabel li napplikaw għal xi ħadd biex jagħmel office work, u xi ħadd ieħor li jagħmel xogħol fuq barra.

44.9.6 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ippreżenta lill-Kunsill kopja tal-Ftiehim Kollettiv ġdid li sar bejn il-Gvern u l-Assoċċazzjoni Nazzjonali tas-Segretarji Eżekuttivi. Dan il-kuntratt għandu effett mill-1 ta' Jannar 2020; jiġifieri jinvolvi ħlasijiet ta' arretrati lil Segretarji Eżekuttivi. Id-Dipartiment diġa' awtorizza biex dawn il-ħlasijiet isiru.

## 44.10 Korrispondenzi

44.10.1 Email mingħand John Xuereb, Direttur *Cultural Heritage Directorate* fejn talab tagħrif dwar statwi ta' persuni prominenti preżenti fir-raħal.

44.10.2 Email mingħand John Xuereb, Direttur *Cultural Heritage Directorate* b'aggornament dwar l-inizjattiva dwar il-phone booths qodma.

44.10.3 Tliet (3) reminders lil Enemalta biex jipprovdu mappa aġġornata tal-i*street lamps* fir-raħal tal-Qala.



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

44.10.4 Korrispondenza mingħand Transport Malta fejn dawn infurmawna li qed jaqblu li tiġi estiża s-*swimmers zone* ta' Hondoq ir-Rummien imma ma jistgħux jaċċettaw li ż-żewġ swimmers zone ta' Hondoq u ta' Bumbarin jingħaqdu flimkien.

44.10.5 Email mingħand Liam f'isem il-Kumpannija "My Event Planner" dwar attività proposta għas-7 ta' Lulju ġewwa l-bajja ta' Hondoq ir-Rummien fejn il-Kunsill intalab jagħti użu esklussiv tal-bajja għal dak inhar. Il-Kunsill qabel unanimament li jiċħad din it-talba.

44.10.6 Ittra mingħand Dr Michael Tabone fejn qed jiġi allegat li l-karozza tiegħu sofriet ħsara kawża tax-xogħolijiet fi Triq il-Kunċizzjoni; u talab kumpens għal din il-ħsara. Il-Kunsill qabel li tintalab evidenza fotografika ta' dan li qed jintqal.

44.10.7 Email mis-Sur Clifford Debattista minn EUPA (European Union Programmes Agency) dwar konferenza li ser issir f' Ċipru bejn il-3-7 ta' Mejju.

44.10.8 Email mis-Sur Noel Castillo dwar servizz ta' baned Brażiljani għal Karnival ta' Mejju. Il-Kunsill qabel li nikkomunikaw mas-sur Castillo u nitolbu aktar dettalji, eżempju kemm idum kull servizz.

## 44.11 Materji oħrajn u Mozzjonijiet

44.11.1 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv qara l-iskeda ta' Pagamenti numru 03/2022. Il-Kunsill qabel li għandhom isiru dawn il-ħlasijiet.

## 44.11 Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

42.11.2 Il-laqgħa ġiet fi tmiema fil-19:19. Intlaħaq qbil li fuq *tentative date* għal laqgħa li jmiss biex issir nhar It-Tnejn 4 ta' April fl-16:30.

(IFFIRMATA)

Paul Buttigieg
Sindku

(IFFIRMATA)

Lorne Cremona
Aġent Segretarju Eżekuttiv



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt